MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI ISTRUTTORJA

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-2 ta' Marzu, 2006

Numru. 195/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Tonna)**
**vs**
**Philip Farrugia**
**Myra May Aguis**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra;
**Philip Farrugia** ta’ 27 sena., bin Anthony u Victoria nee’ Barbara, mwieled Pieta nhar l-1 ta’ Lulju, 1979, residenti 136, Triq Mons. Mikiel Azzopardi, Siggiewi w detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 310879 (M);
**Myra May Aguis** ta’ 22 sena, bint Joseph u Maria nee’ Gatt, mwielda Pieta nhar it-30 ta’ Dicembru, 1983, residenti f’3, Paean Lord Byron Street, Naxxar u detentrici tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 83284 (M);

Talli b'diversi atti maghmulin minnhom u wkoll jekk f'hinijiet u zminijiet differenti, li jkunu l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda ikkommettew is-segwenti reati;

1. fil-lejl ta' bejn nhar il-24 ta' Frar, 2006 u l-25 ta' Frar, 2006 waqt li kontu gewwa Paceville ikkomettejtu serq ta' handbags, accessorji, telefons cellulari, flejjes, credit cards u oggetti ohra u cioe' minn gewwa l-istabbiliment Havana gewwa Triq San Gorg, ghad-dannu ta' Sylvana Marie Demicoli mill-Belt Valletta, mill-istabbiliment maghruf bhala Cube gewwa Triq San Gorg ghad-dannu ta' Mandy Massa minn Marsascala, minn gewwa l-istabbiliment maghruf bhala 'Footloose' fi Triq San Gorg ghad-dannu ta' Angie Axisa minn San Gwann, u ghad-dannu ta' Jennifer Farrugia minn Marsaxlokk, u ghad-dannu ta' Maria Roberta Galea minn Birkirkara mill-istabbiliment maghruf bhala 'Places' ghad-dannu ta' Alison Cini mill-Birgu u mill-istabbiliment maghruf bhala 'The Edge' ghad-dannu ta' Charlene Balzan mill-Mosta u minn gewwa l-stabbiliment 'Blackbull' ghad-dannu ta' Domenic Gatt mill-Bormla liema serq huwa aggravat bil-hin u bl-ammont, u dan ai terminu tal-Artikolu 261, 267, 270, 279 u 281 tal-Kapitoli 9 tal-Ligijiet ta' Malta';

2. u aktar talli fl-istess postijiet, hinijiet u taht l-istess cirkostanzi xjentement laqghu ghanhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat jew xjentement indahlu sabiex ibieghom jew imexxhihom u cioe' l-oggetti msemmija fl-ewwel akkuza a detriment tal-istess persuni msemmija kif ukoll accesorji ohra a detriment ta' Sylvana Marie Demicoli mill-Belt Valletta, Mandy Massa minn Birkirkara, Angie Axisa minn San Gwann, Jennifer Farrugia minn Marsaxlokk, Shantell Vella mill-Isla, Maria Roberta Galea minn Birkirkara, Alison Cini mill-Birgu u Charlene Balzan mill-Mosta u Domenic Gatt mill-Bormla u Sabrina Agius minn tas-Sliema kif ukoll Bank of Valletta Ltd p.l.c u HSBC Bank Ltd u dan ai termini tal-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-prosekuzzjoni gentilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti li tordna il-konfiska tal-vettura DAN-761 bhala parti mill-corpus delicti u dan ai terminu tal-Artikolu 23 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet l-ammissjoni tal-imputati. Stante li l-avukat generali ma tax il-kunsens tieghu ghas-smiegh tal-kaz bil-procedura sommarja, l-Qorti ipposponiet il-kumpilazzjoni u wara li tat zmien sufficjenti l-imputati regghu ikkonfermaw l-ammissjoni taghhom;

Stante ammissjoni, l-akkuzi jirrizultaw pruvati u ghalhekk il-Qorti ssib lill-imputati hatja tal-akkuzi kif dedotti kontra taghhom;

Rat l-artikoli 261 (c) u (f), 267, 270, 279, 280 u 334 tal-Kap 9;

Hadet nota tad-dikjarazzjoni tal-prosekuzzjoni illi l-imputati ghandhom fedina penali nadifa kif ukoll illi huma raddew lura dak kollu minnhom indebitament mehud;

Ikkunsidrat ghalhekk illi l-imputati ghandhom jitqiesu bhala "first offenders" u minflok li tikkundannhom qieghdha tillibaerahom bil-kundizzjoni li ma jaghmlux rejat iehor sa zmien sentejn (2) mil-lum skond l-artikolu 22 tal-Kap 446.

Il-Qorti spjegat l-obbligi tal-imputati naxxenti minn din is-sentenza;

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-prosekuzzjoni ghal-konfiska tal-vettura msemmija fl-akkuza stante li din ma kienitx esebita;

Tordna li dawn l-atti jintbaghtu ghand l-avukat generali fiz-zmien li trid il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------